Fondazzjoni Ewropea
għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet
tal-Ħajja u tax-Xogħol

# Żgħażagħ u NEETs fl-Ewropa: L-ewwel sejbiet



## > sommarju <

*'Filwaqt li ż-żgħażagħ mhux dejjem ikollhom raġun, soċjetà li tinjorahom u tikkritikahom tiżbalja dejjem.'*

François Mitterand

## Introduzzjoni

Fil-kuntest tal-programm ta' ħidma tal-2011 tagħha, il-Eurofound esplorat is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ li huma parti mill-grupp ta' NEET (Not in Education, Employment or Training): 'barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ'. Ir-riċerka twettqet mill-unità tal-Impjiegi u l-Kompetittività tal-Eurofound, li użat il-kapaċità tan-Netwerk ta' Osservatorji Ewropej. L-iskop kien li tinvestiga s-sitwazzjoni attwali taż-żgħażagħ fl-Ewropa, b'enfasi speċifiku fuq dawk li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, u sabiex tifhem il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-qtugħ tagħhom mis-suq tax-xogħol u mill-edukazzjoni. Ir-riżultati preliminari tar-riċerka huma ppreżentati f'dan id-dokument qasir.

Iż-żgħażagħ fl-Ewropa ntlaqtu b'mod partikolarment qawwi mir-riċessjoni fir-rigward tal-prospetti ta' impjieg tagħhom. Skont l-aħħar ċifri tal-Eurostat, fl-ewwel trimestru tal-2011 ir-rata ta' impjieg fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa niżlet għal 32.9%, l-inqas valur li ġie rreġistrat fl-istorja tal-Unjoni Ewropea. F'Lulju tal-2011, ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa laħqet l-20.7% – li tfisser bejn wieħed u ieħor ħames miljun persuna żagħżugħa mingħajr xogħol.

Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tvarja sew fil-livell tal-Istati Membri. Il-Figura 1 (fil-paġna li jmiss) turi d-distribuzzjoni tar-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa f'Lulju tal-2011.

Għad li hemm differenzi importanti bejn l-Istati Membri, is-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ huwa ferm aktar volatili minn dak tal-ħaddiema akbar fl-età, u l-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa tipikament aktar sensittiv għall-bidliet fil-PDG milli l-qgħad inġenerali. Meta t-tkabbir ekonomiku jonqos, ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ tiżdied. Mhux dejjem jiġri l-istess għall-popolazzjoni ġenerali.

Għalhekk, f'perjodi ta' riċessjoni, iż-żgħażagħ ikunu partikolarment vulnerabbli: spiss ikunu l-ewwel li joħorġu mis-suq tax-xogħol u l-aħħar li jidħlu fih, peress li jridu jikkompetu ma' persuni li qed ifittxu impjieg li għandhom aktar esperjenza ta' xogħol f'suq b'inqas impjiegi x'joffri.

## Is-sejbiet ewlenin

**Is-sess ta' persuna jagħmel differenza?**

Kif tixhed l-istorja, il-qgħad affettwa lin-nisa aktar milli lill-irġiel. Madanakollu, fiż-żmien riċenti, ir-rati ta' qgħad fost l-irġiel u n-nisa fl-UE27 resqu viċin xulxin, u fl-ewwel trimestru tal-2008, ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ għall-irġiel kienet ogħla minn dik għan-nisa. Minħabba l-kriżi, il-qgħad fost l-irġiel żdied b'rata ferm ogħla mill-qgħad fost in-nisa. Dan jikkonferma l-karatteristiċi mmarkati tal-aħħar riċessjoni li laqtet sew is-setturi tal-manifattura u kostruzzjoni, li tradizzjonalment għandhom sehem kbir ta' rġiel li jaħdmu fihom. Madanakollu, fl-aħħar trimestri, ir-rati ta' qgħad fost l-irġiel u n-nisa bdew jersqu viċin xulxin mill-ġdid, hekk kif il-qgħad fost l-irġiel beda jonqos fit-tieni trimestru tal-2010 filwaqt li l-qgħad fost in-nisa baqa' jiżdied.

Minkejja din it-tendenza ġenerali ta' konverġenza, fil-livell nazzjonali is-sitwazzjoni hija kemxejn differenti. B'mod ġenerali, fil-pajjiżi Skandinavi u tal-Ewropa tal-Punent (b'mod partikolari fir-Renju Unit), iżda dejjem aktar anki fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant, ir-rata ta' qgħad fost il-ġuvintur hija ogħla mir-rata ta' qgħad fost it-tfajliet; min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni fin-Nofsinhar tal-Ewropa hija ġeneralment bil-kontra. Tista' tiġi osservata sitwazzjoni aktar ibbilanċjata fl-Awstrija u fil-Pajjiżi l-Baxxi.

*Figura 1:* Ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa, 2011




Sors: Eurostat

## L-edukazzjoni għadha importanti?

Ġeneralment, il-livell ta' edukazzjoni jkollu rwol importanti fil-protezzjoni ta' individwu kontra l-qgħad: aktar ma jkun għoli l-livell ta' edukazzjoni miksub, aktar tkun baxxa l-probabilità ta' qgħad. Madanakollu, dan l-effett tnaqqas mill-kriżi. Fil-fatt, ir-riżultati tal-analiżijiet statistiċi, li jqabblu l-probabilità li persuna tkun mingħajr impjieg fix-xenarju ta' qabel il-kriżi tal-2007 mal-2009, juru li l-effett ta' protezzjoni ta' edukazzjoni ogħla naqset fil-pajjiżi kollha.

Għal xi pajjiżi, il-fatt li persuna tlesti l-edukazzjoni terzjarja ma għadux inaqqas ir-riskju ta' qgħad meta mqabbla ma' persuna mingħajr kwalifiki. Dan huwa l-każ għal xi pajjiżi tal-Mediterran (il-Greċja, l-Italja u l-Portugall) u tal-Lvant tal-Ewropa (l-Estjona, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovenja), kif ukoll għad-Danimarka u l-Finlandja. Il-persuni ta' kull livell ta' edukazzjoni ntlaqtu mill-effetti tar-riċessjoni riċenti, u edukazzjoni ogħla mhux neċessarjament tipprovdi protezzjoni kontriha.

### Impatt tar-riċessjoni

Tradizzjonalment, ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ kienet għolja f'diversi Stati Membri. Tqabbil mar-riċessjoni tas-snin bikrija tal-1990 jista' jgħin sabiex jiġi verifikat jekk l-aħħar riċessjoni affettwatx liż-żgħażagħ b'mod aktar negattiv milli fl-imgħoddi f'termini ta' qgħad (ara l-Figura 2).

Minħabba restrizzjonijiet relatati mad-dejta, l-istudju investiga biss ħames pajjiżi f'analiżi preliminari: il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit. Iddaħħlu l-bidliet trimestrali fiż-żieda tal-qgħad relattiv għat-trimestru bl-aktar rata ta' qgħad baxxa, bl-ewwel wieħed ikun l-aktar trimestru riċenti fejn ġiet irreġistrata l-aktar rata ta' qgħad baxxa qabel ir-riċessjoni (il-'mument ta' bidla').

Għal kull pajjiż ġew żviluppati żewġ serje differenti: l-ewwel waħda tirrefletti ż-żieda fil-qgħad matul ir-riċessjoni tas-snin 1990, filwaqt li t-tieni waħda tirrefletti l-impatt tar-riċessjoni riċenti. Iż-żewġ serje għandhom perjodu ta' żmien ta' 12-il trimestru, u hija kkunsidrata d-differenza bejn iż-żewġ serje.

Ir-riżultati juru li fl-Isvezja, fil-Ġermanja, u b'mod parzjali, fir-Renju Unit, l-effetti tal-aħħar riċessjoni fuq il-qgħad fost iż-żgħażagħ kien speċi ta' 'déjà-vu'. Min-naħa l-oħra, fi Spanja u fl-Italja, l-impatt tal-kriżi kien akbar minn dak li nħass fl-imgħoddi. Punt interessanti huwa li l-Italja tidher li esperjenzat l-effett aktar tard: l-impatt tal-ewwel parti tal-aħħar riċessjoni kien konformi ma' dak ta' qablu, imbagħad

is-sitwazzjoni marret għall-agħar u l-pożizzjoni relattiva taż-żgħażagħ ħżienet aktar milli fir-riċessjoni ta' qabel.

*Figura 2:* Tqabbil tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fir-riċessjoni tas-snin tal-1990 u tal-2008




Sors: Eurostat – Kalkolu tal-Eurofound

## Profil tal-grupp tan-NEET

L-indikaturi tradizzjonali għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol spiss huma kkritikati għar-rilevanza limitata tagħhom għaż-żgħażagħ. Il-fatt huwa li l-istatistiki bażiċi tal-qgħad u tal-impjiegi ma jippreżentawx is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ bi preċiżjoni għaliex ħafna huma minnhom huma studenti u għalhekk huma kklassifikati li mhumiex parti mill-forza tax-xogħol.

Riċentement, dawk li jfasslu l-politiki tal-UE bdew jiffokaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-grupp tan-NEET. Dan il-grupp huwa iffurmat minn persuni b'età ġenerali ta' bejn 15 u 24 sena li, irrelevantement mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom, mhumiex impenjati f'xogħol u edukazzjoni u għaldaqstant, għandhom riskju akbar ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol u esklużjoni soċjali.

L-akronimu NEET feġġ għall-ewwel fir-Renju Unit fl-aħħar snin tal-1980, li jirrefletti mod ieħor ta' kif jiġu kategorizzati ż-żgħażagħ wara bidliet fil-politiki tal-benefiċċji tal-qgħad. Minn dak iż-żmien, kiber l-interess fil-grupp tan-NEET fil-livell ta' politiki tal-UE, u kważi f'kull Stat Membru nħolqu definizzjonijiet ekwivalenti għal NEET. Issa, il-ħtieġa ta' enfasi akbar fuq in-NEETs hija fundamentali għas-sett il-ġdid ta' linji gwida integrati għall-politiki ekonomiċi u tal-impjieg proposti mill-Kummissjoni Ewropea.

Id-daqs tal-problema jgħid kollox: skont l-aħħar stimi tal-Eurostat, fl-2010 is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ ammonta għal 12.8% tal-popolazzjoni ta' dawk b'età ta' bejn il-15 u l-24 sena fl-UE27, li jikkorrispondi għal bejn wieħed u ieħor 7.5 miljun żagħżugħ (Figura 3). Dan il-perċentwal ivarja ħafna fost l-Istati Membri tal-UE: minn 4.4% fil-Pajjiżi l-Baxxi għal 21.8% fil-Bulgarija. Ħlief għal-Lussemburgu, kull Stat Membru ġarrab tkabbir konsiderevoli fin-numru ta' NEETs minn meta bdiet il-kriżi; fl-2010 fl-Italja u fir-Renju Unit, id-daqs tal-popolazzjoni NEET laħqet bejn wieħed u ieħor il-1.1 miljun ta' dawk b'età bejn il-15 u l-24 sena.

### Fatturi ta' riskju

Hemm qbil ġenerali fil-letteratura dwar il-firxa ta' fatturi soċjali, ekonomiċi u personali li jżidu l-possibilitajiet sabiex wieħed isir NEET. Ir-riskju huwa mistħarreġ hawnhekk billi jiġu analizzati fatturi ta' riskju potenzjali relatati mal-individwu u l-isfond familjari tiegħu, billi tintuża d-dejta tal-Istħarriġ dwar il-Valuri Ewropej tal-2008 (EVS - European Values Survey), stħarriġ fuq skala kbira, transnazzjonali u lonġitudinali dwar valuri bażiċi tal-bniedem. Ir-riżultati juru li l-fatturi li ġejjin iħallu impatt fuq il-probabilità li individwu jsir NEET:

- dawk li jirraportaw li għandhom **xi tip ta' diżabilità** għandhom probabilità ta' 40% aktar li jsiru NEET meta mqabbla mal-oħrajn;
- żgħażagħ bi **sfond ta' immigrazzjoni** għandhom probabilità ta' 70% aktar li jsiru NEET meta mqabbla maċ-ċittadini;
- dawk b'**livell baxx ta' edukazzjoni** għandhom probabilità ta' tliet darbiet aktar li jsiru NEET meta mqabbla ma' dawk b'edukazzjoni terzjarja;

*Figura 3:* Rati ta' NEET fl-Ewropa fl-2010 (%)




Sors: Eurostat

- għajxien f'**żoni remoti** jżid il-probabilità li individwu jsir NEET sa 1.5 darbiet aktar;
- żgħażagħ **minn familja bi dħul baxx** għandhom probabilità akbar li jsiru NEET milli dawk bi dħul medju.
- il-fatt li individwu ikollu **ġenituri li esperjenzaw il-qgħad** iżid il-probabilità li jsir NEET bi 17%
- il-fatt li individwu jkollu **ġenituri b'livell baxx ta' edukazzjoni** jirdoppja l-probabilità li jsir NEET;
- żgħażagħ li l-**ġenituri tagħhom iddivorzjaw** għandhom probabilità ta' 30% aktar li jsiru NEET.

Minkejja li għandhom probabilità akbar li jesperjenzaw diversi żvantaġġi, in-NEETs huma kategorija eteroġena li tħaddan varjetà ta' subgruppi. Uħud għandhom ftit kontroll jew xejn affattu fuq is-sitwazzjoniet tagħhom, bħaż-żgħażagħ mingħajr impjieg, li huma ma jifilħux jew li għandhom diżabilità u ż-żgħażagħ li jindukraw. Min-naħa l-oħra, subgruppi oħrajn għandhom kontroll sħiħ fuq is-sitwazzjoni tagħhom: dawk li mhumiex ifittxu impjieg jew japplikaw għall-edukazzjoni u mhumiex ristretti milli jagħmlu dan minħabba obbligi jew inkapaċitajiet oħra, u dawk impenjati f'attivitajiet bħall-arti jew is-safar.

Għal din ir-raġuni, għandu jinxteħet dawl fuq il-fatt li bħala kunċett, NEET daħal fil-vokabolarju politiku mingħajr ma ngħata wisq ħsieb għal x'inhu dan it-terminu u x'jipprova jkopri. Filwaqt li oriġinarjament intuża bħala mezz alternattiv ta' kategorizzazzjoni ta' żgħażagħ b'età ta' 16 u 17-il sena, issa qed jintuża sabiex jagħti xbiha tax-xejriet ta' vulnerabilità fost iż-żgħażagħ (b'età ta' bejn il-15 u l-24 sena) fil-kuntest ta' transizzjonijiet imqallba, bir-riskju li l-grupp isir kategorija statistika reżidwa.

Għaldaqstant, it-terminu NEET jiġbed attenzjoni lejn in-natura b'diversi lati tal-iżvantaġġ, hekk kif dan jinkludi gruppi differenti li jista' jkollhom ħtiġijiet differenti iżda li aktarx li se jkunu regolarment qiegħda jew li se jieqfu mill-edukazzjoni u t-taħriġ f'terminu qasir jew medju fil-ġejjieni. Għal din ir-raġuni, minkejja l-eteroġenità fil-popolazzjoni NEET, il-gvernijiet u l-imsieħba soċjali jagħmlu tajjeb li jfasslu miri sabiex inaqqsu l-livell ġenerali ta' NEETs sakemm dawn jinvolvu firxa ta' inizjattivi differenti konformi mal-ħtiġijiet differenti tas-subgruppi varji tan-NEETs.

### Spejjeż ekonomiċi

Ovjament, is-sitwazzjoni ta' NEET hija ħela tal-potenzjal taż-żgħażagħ, iżda għandha konsegwenzi negattivi wkoll fuq is-soċjetà u l-ekonomija. Meta individwu jgħaddi minn perjodi ta' żmien bħala NEET, dan jista' jġarrab firxa wiesgħa ta' kundizzjonijiet soċjali negattivi, bħall-iżolament, impjieg mhux sigur u mħallas inqas minn dak li jkun mistħoqq, kriminalità, u problemi fis-saħħa mentali u fiżika. Kull waħda minn dawn il-konsegwenzi ġġib telf magħha, u għaldaqstant, is-sitwazzjoni ta' NEET mhijiex problema għall-individwu biss, iżda anki għas-soċjetajiet u l-ekonomiji sħaħ.

L-iskop ta' din it-taqsima huwa li tipprovdi stima ta' ftit minn dan it-telf. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-iskop ta' din l-analiżi mhijiex li ż-żgħażagħ jiġu tradotti fi flus iżda li wieħed jimmaġina xi jkun differenti li kieku ż-żgħażagħ NEET jsibu impjieg. Ħafna jemmnu li fehim tal-potenzjal tal-valur miżjud tagħhom għall-ekonomija jista' jkolllu rwol fit-tisħiħ tal-isforzi tal-gvernijiet u l-imsieħba soċjali sabiex jintegraw mill-ġdid lin-NEETs fis-suq tax-xogħol.

Il-kalkolu tal-ispiża ekonomika tan-NEETs huwa eżerċizzju ferm kumpless, u għal dan il-għan ġew iddedikati biss sforzi ta' riċerka limitati fil-letteratura. B'mod partikolari, għandu jiġi osservat li kull wieħed mill-istudji preċedenti huwa limitat għall-Ingilterra jew għar-Renju Unit. Dan l-istudju jipprova jipprovdi stima ta' dawn l-ispejjeż għal 21 Stat Membru tal-UE.

Dawn huma żewġ raġunijiet ewlenin għalfejn il-kalkolu tal-ispiża ekonomika tan-NEETs huwa kumpless: l-ewwel nett, is-sett globali tal-ispejjeż possibbli, li jista' jinkludi spejjeż kurrenti u f'terminu medju-twil, huwa kbir u vast. It-tieni, id-dejta għat-tkejjil ta' dawn l-ispejjeż tista' tkun skarsa jew nieqsa. Barra minn hekk, l-għażla tal-approċċ metodoloġiku adottat għall-istima jista' jaffettwa r-riżultat finali.

Ir-riċerka preċedenti identifikat żewġ oqsfa ta' spejjeż: 'spejjeż ta' finanzi pubbliċi' u 'spejjeż ta' riżorsi'. L-ewwel wieħed jipprova jidentifika l-impatt fuq il-finanzi pubbliċi li jirriżulta mill-grupp tan-NEET u jieħu f'kunsiderazzjoni l-iskemi ta' benefiċċji soċjali (bħall-benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji tat-tfal, benefiċċji tar-residenzi, konċessjonijiet relatati mal-edukazzjoni u oħrajn) kif ukoll nefqa addizzjonali relatata mas-saħħa, il-benefiċċji soċjali u l-ġustizzja. It-tieni qafas jinvolvi lil dawk imsejħa 'spejjeż totali ta' riżorsi'. Dan jinkludi stimi tat-telf għall-ekonomija, telf li ġej mill-benefiċċji soċjali għall-individwu u għall-familja, kif ukoll l-impatt f'termini ta' riżorsi jew l-ispejjeż ta' opportunità għall-bqija tas-soċjetà (dħul tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom, benefiċċji għall-impjegati mhux fi flus, prodotti pprovduti permezz ta' konsum proprju, pensjonijiet minn pjanijiet privati, eċċ). Għall-finijiet tar-riċerka, l-istudju jibbaża l-analiżi tiegħu tal-ispejjeż ekonomiċi fuq dawn iż-żewġ oqsfa: l-ispejjeż ta' finanzi pubbliċi u l-ispejjeż ta' riżorsi.

L-analiżi hija mwettqa permezz tal-Istatistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien tal-2008 (EU-SILC - European Union Statistics on Income and Living Conditions), li huwa l-istħarriġ annwali rappreżentattiv, trasversali u lonġitudinali tal-Eurostat dwar il-kondizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjoni fi djar privati fl-Ewropa.[1] L-analiżi hija mwettqa fuq 21 pajjiż – id-Danimarka, Franza, il-Finlandja, il-Greċja, Malta u l-Isvezja ġew esklużi minħabba xi varjabbli neqsin.

Il-popolazzjoni ta' interess hija ta' dawk b'età ta' bejn is-16 u d-29 sena. F'din it-taqsima biss, il-grupp tan-NEET ġie definit bħala dawk li ilhom qiegħda jew inattivi għal perjodu ta' sitt xhur jew aktar matul il-perjodu ta' referenza tal-istħarriġ. Dan l-approċċ lonġitudinali ta' definizzjoni tal-istatus ta' NEET għandu l-vantaġġ li jidentifika xejriet reali ta' inattività minflok ma jaqbad sitwazzjonijiet kontinġenti jew tranżitorji, u huwa aktar xieraq għall-għan ta' dan l-istudju.

### Kalkolu tal-ispiża totali annwali

L-ispiża ta' individwu NEET hija s-somma tal-ispejjeż ta' riżorsi (qligħ mitluf) u spejjeż ta' finanzi pubbliċi (trasferiment żejjed) kif stipulat aktar 'il fuq. Il-qligħ mitluf huwa stmat bħala d-differenza bejn il-qligħ iġġenerat min-NEET u l-qligħ iġġenerat minn dawk li għandhom impjieg. B'mod simili, trasferiment żejjed huwa kkalkolat bħala d-differenza bejn l-ammont totali ta' benefiċċji li rċieva n-NEET u l-benefiċċji rċivuti minn dawk li għandhom impjieg. Dawn iż-żewġ differenzi jistgħu jiġu kkalkolati billi jiġu segwiti approċċi metodoloġiċi differenti dwar suppożizzjonijiet differenti.

---

1 Ara http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/microdata/eu_silc

Approċċ simplistiku huwa li tiġi kkalkolata d-differenza tad-dħul medju u t-trasferimenti medji bejn il-grupp ta' NEET u ż-żgħażagħ li għandhom impjieg. Is-somma ta' dawn iż-żewġ kwantitajiet se tagħti spiża ta' unità ta' persuna NEET. Din il-figura moltiplikata bin-numru totali ta' NEETs se tippvodi l-ispiża totali ta' dawk li huma NEET. Din l-operazzjoni hija mwettqa b'mod individwali għal kull Stat Membru, u mbagħad it-totali jiġu aggregati.

Madanakollu, dan l-approċċ huwa kemxejn inkomplut peress li ma jiħux f'kunsiderazzjoni l-fatt li l-grupp ta' NEET għandu firxa partikolari ta' karatteristiċi. In-NEETs għandhom probabilità ogħlja li jesperjenzaw diversi żvantaġġi bħal livell baxx ta' edukazzjoni, sfond ta' immigrazzjoni u kondizzjonijiet ħżiena tas-saħħa. Konsegwentement, il-kapaċità ta' qligħ potenzjali tagħhom hija mnaqqsa meta mqabbla mal-persuna żagħżugħa 'medja' li għandha impjieg. Għal din ir-raġuni, dan il-metodu sempliċi jesaġera l-kapaċità ta' qligħ potenzjali u jissottovaluta l-ħtieġa għal ħlasijiet ta' trasferiment fir-rigward tan-NEETs.

Approċċ aktar sofistikat li jieħu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi differenti tan-NEET huwa l-metodu statistiku ta' 'propensity score matching'. Minflok ma jiġi supponut li l-livell ta' qligħ potenzjali u l-livell ta' trasferimenti ta' persuna NEET huma eżattament l-istess bħal dawk ta' persuna żagħżugħa b'impjieg, b'dan il-metodu, kull persuna NEET titqabbel mal-aktar persuna żagħżugħa b'impjieg li hija komparabbli magħha fuq il-bażi ta' sett ta' karatteristiċi li jispjegaw il-qagħda ta' NEET. Imbagħad, id-dħul ta' kull persuna NEET individwali huwa mqabbel mad-dħul ta' persuna żagħżugħa waħda jew aktar b'impjieg li għandha l-istess karatteristiċi tan-NEET. Mhumiex ikkunsidrati dawk iż-żgħażagħ b'impjieg li mhumiex komparabbli minħabba l-fatt li l-karatteristiċi tagħhom huma ferm differenti min-NEET. Mod tajjeb kif wieħed jista' jaħseb dwar dan il-metodu huwa f'termini ta' tewmin statistiċi li għandhom karatteristiċi identiċi iżda wieħed minnhom huwa NEET filwaqt li t-tewmi tiegħu huwa persuna żagħżugħa b'impjieg.

Fuq din il-bażi, in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tan-NEET fis-suq tax-xogħol fil-21 pajjiż ikkunsidrat jiswa €2 biljun fil-ġimgħa liċ-ċittadini tagħhom (ara t-Tabella 1). It-total annwali ta' bejn wieħed u ieħor €100 biljun, li jikkorrispondi għal 1% tal-PDG aggregat tagħhom, jista' jinqasam f'€94 biljun fi qligħ mitluf u €7 biljun fi trasferimenti eċċessivi. Fil-livell tal-pajjiżi, l-ogħla total f'euro huwa mħallas b'mod annwali mill-Italja (€26 biljun) u mir-Renju Unit (€16 biljun). Madanakollu, f'termini ta' perċentwal ta' PDG, l-Irlanda u l-Bulgarija jħallsu l-ogħla ammont (aktar minn 2% tal-PDG), segwiti mill-Italja (1.7%). Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż tan-NEETs għal-Lussemburgu u l-Ġermanja huwa kemxejn limitat (0.34% u 0.65% tal-PDG rispettivament).

Dawn il-figuri huma stima tal-ispiża ekonomika tal-grupp ta' NEET, u huma bbażati fuq id-definizzjonijiet tal-ispejjeż għar-riżorsi u għall-finanzi pubbliċi pprovduti aktar 'il fuq. L-istima hija limitata għall-ispiża attwali biss u tirreferi għall-2008. Madanakollu, din l-istima hija sottovalutazzjoni tal-ispiża reali tan-NEETs, peress li l-ispejjeż addizzjonali għas-saħħa, il-ġustizzja u t-taxxi mhux imħallsa fuq qligħ mitluf mhumiex inklużi fid-definizzjoni użata. Barra minn hekk, il-problema ta' persuni mingħajr dar mhijiex ikkunsidrata hawnhekk. Kritika ġusta tal-istudju tista' tkun li l-inklużjoni tan-NEETs kollha fis-suq tax-xogħol mhijiex possibbli minħabba

*Tabella 1:* Spiża annwali tal-grupp ta' NEET (għal kull persuna NEET individwali u t-total)

| Pajjiż | Spejjeż totali ta' riżorsi (bn) | Spejjeż totali ta' finanzi pubbliċi (bn) | Spiża totali ta' NEET (bn) | Spejjeż tan-NEET bħala sehem mill-PDG (%) |
|---|---|---|---|---|
| **AT** | €2.876 | €0.235 | €3.111 | 1.1 |
| **BE** | €3.437 | €0.734 | €4.171 | 1.2 |
| **BG** | €0.928 | €0.006 | €0.934 | 2.6 |
| **CY** | €0.220 | €0.009 | €0.229 | 1.3 |
| **CZ** | €1.699 | €0.034 | €1.733 | 1.2 |
| **DE** | €13.850 | €2.259 | €16.109 | 0.7 |
| **EE** | €0.231 | €0.006 | €0.238 | 1.5 |
| **ES** | €10.472 | €0.935 | €11.406 | 1.1 |
| **HU** | €1.580 | €0.085 | €1.665 | 1.6 |
| **IE** | €3.335 | €0.510 | €3.845 | 2.1 |
| **IT** | €26.327 | €0.304 | €26.631 | 1.7 |
| **LT** | €0.258 | €0.014 | €0.272 | 0.8 |
| **LU** | €0.123 | €0.012 | €0.135 | 03 |
| **LV** | €0.313 | €0.011 | €0.324 | 1.4 |
| **NL** | €4.497 | €0.217 | €4.714 | 0.8 |
| **PL** | €5.020 | €0.365 | €5.386 | 1.5 |
| **PT** | €1.844 | €0.093 | €1.937 | 1.1 |
| **RO** | €1.170 | €0.031 | €1.201 | 0.9 |
| **SI** | €0.339 | €0.004 | €0.344 | 0.9 |
| **SK** | €0.553 | €0.022 | €0.575 | 0.9 |
| **RA** | €14.817 | €1.545 | €16.363 | 0.9 |
| **UE21** | €93.889 | €7.431 | €101.320 | 1.1 |

Sors: Kalkolu tal-Eurofound. DK,EL, FI, FR, MT u SE huma esklużi minħabba varjabbli neqsin.

postijiet battala limitati, u fi kwalunkwe każ mhux kull persuna NEET tkun tixtieq taħdem. Dan huwa ċertament veru. Madanakollu, peress li hija pprovduta l-ispiża ta' unità ta' kull NEET, l-analiżi turi li l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 10% biss tan-NEETs tkun tiffranka aktar minn €10 biljun fis-sena. Dan l-ammont jiżdied għal €21 biljun li kieku s-suq tax-xogħol jista' jassorbi 20% tal-grupp NEET.

## Dimensjoni soċjali tal-qagħda ta' NEET

Dawn li jfasslu l-politiki qajmu dubju dwar il-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet potenzjali tal-qagħda ta' NEET fir-rigward tal-impenn demokratiku u l-parteċipazzjoni ċivili u l-periklu li xi żgħażagħ jistgħu joqogħdu lura milli jieħdu sehem fis-soċjetà ċivili. L-eżempji riċenti tad-dimostrazzjonijiet taż-żgħażagħ fl-Italja, Spanja u r-Renju Unit, u ż-żieda ta' partiti tal-lemin estrem f'pajjiżi Skandinavi u kontinentali huma sinjali ta' twissija.

F'dan il-qafas, ir-riskju ta' marġinalizzazzjoni tan-NEETs huwa investigat billi ġew analizzati l-konsegwenzi tal-marġinalizzazzjoni soċjali u politika taż-żgħażagħ. L-analiżi hija mwettqa billi jinxteħet dawl fuq sett ta' indikaturi użati b'mod komuni fil-letteratura għall-analiżi tar-riskju ta' marġinalizzazzjoni fis-soċjetà. L-analiżi twettqet permezz tal-EVS tal-2008, u flimkien mat-tabella statistika deskrittiva sempliċi ġew ipprovduti mudelli statistiċi sabiex jiġi investigat jekk id-differenzi enfasizzati fit-tabelli desktivvi jibqgħux validi meta jsiru kontrolli għall-varjabbli soċjodemografiċi individwali u dawk relatati mal-familja.

**Fiduċja fl-istituzzjonijiet**

Id-demokrazija rappreżentattiva hija bbażata fuq il-fatt li l-membri tas-soċjetà juru kunfidenza fl-istituzzjonijiet tagħha. Kunfidenza ġenerali tista' taġixxi bħala waqfien għal bidliet f'daqqa fis-soċjetà. Minħabba s-sitwazzjoni

partikolari tagħhom, aktarx li n-NEETs ikunu rawmu sfiduċja fl-istituzzjonijiet, peress li jistgħu jgħarfu n-nuqqas ta' abilità tal-awtoritajiet sabiex isolvu l-problemi tagħhom. Sehem kbir ta' żgħażagħ li għandhom 'sfiduċja fil-politika' jista' jikkontribwixxi sabiex ixekkel il-leġittimità tas-sistemi demokratiċi fis-soċjetajiet.

Il-fiduċja istituzzjonali hija valutata fl-EVS tal-2008 billi jitkejlu l-livelli ta' fiduċja f'seba' elementi: il-parlament nazzjonali, il-gvern, is-sistema legali, il-pulizija, il-politiċi, il-partiti politiċi, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti.

B'mod ġenerali, il-livell ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet hija pjuttost baxxa fost iż-żgħażagħ (Tabella 2). Bħala medja, in-NEETs għandhom livell aktar baxx ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet meta mqabbla mal-'EETs' (those in employment, education or training - dawk b'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ): 4.2 meta mqabbla ma' 4.8 minn 10 punti. Fost is-subgruppi ta' dawk NEET, il-persuni qiegħda huma dawk bl-aktar livell baxx ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet (4.1 punti). Dawn id-differenzi kollha huma statistikament importanti.

*Tabella 2:* Fiduċja fl-istituzzjonijiet (0-10 punti)

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | B'impjieg | 4.5 |
| EET | 4.8 | Studenti | 5.1 |
| | | Żgħażagħ li jindukraw | 4.4 |
| NEET | 4.2 | Qiegħda | 4.1 |
| | | Oħrajn | 4.4 |

Sors: EVS tal-2008 – Kalkolu tal-Eurofound

**Parteċipazzjoni u interess fil-politika**

Il-parteċipazzjoni politika f'demokrazija tista' tiġi definita bħala l-azzjonijiet kollha meħuda mill-gruppi jew individwi bil-għan li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-gvern, u din hija waħda mill-elementi ewlenin f'demokraziji rappreżentattivi. L-individwi huma xprunati mill-kunfidenza li l-vuċi tagħhom tinstema' mill-gvernijiet, li kapaċi jirreaġixxu għat-talbiet u l-ħtiġijiet tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-assenteiżmu li jiżdied mill-parteċipazzjoni politika jista' jxekkel il-bażi tas-soċjetajiet u jiżra' l-instabilità politika. Ir-riskju huwa li, minħabba l-isfiduċja, iż-żgħażagħ jistgħu jirtiraw il-parteċipazzjoni politika tagħhom u jibdew jesprimu l-aljenazzjoni tagħhom billi jipparteċipaw f'partiti politiċi estremi, vandaliżmu u kunflitti mal-pulizija.

Il-parteċipazzjoni politika hija mkejla fl-EVS tal-2008 permezz ta' tliet elementi: intenzjoni ta' vot fl-elezzjonijiet ġenerali, l-interess politiku, u l-parteċipazzjoni f'partiti politiċi u ħidma volontarja magħhom.

B'mod ġenerali, in-NEETs għandhom probabilità inqas li jivvotaw fl-elezzjonijiet ġenerali (64%) meta mqabbla mal-EETs (75%) (Tabella 3). L-inqas livell ta' parteċipazzjoni huwa rreġistrat fost dawk qiegħda (62%), filwaqt li l-ogħla huwa rreġistrat fost l-istudenti (77%) u l-persuni b'impjieg (75%). Din id-differenza hija statistikament importanti anki meta jiġu kkontrollati l-varjabbli soċjodemografiċi: iż-żgħażagħ qiegħda għandhom probabilità ta' 35% inqas li jivvutaw fl-elezzjonijiet ġenerali meta mqabbla mal-EETs.

Barra minn hekk, in-NEETs huma inqas interessati fil-politika meta mqabbla mal-EETs. Fil-fatt, 28% biss tan-NEETs iddikkjaraw li kienu 'ferm' jew 'kemxejn' interessati fil-politika meta mqabbla ma' 40% tal-EET. Fost is-subgruppi, l-inqas interess fil-politika huwa rreġistrat fost iż-żgħażagħ li jindukraw (22%) u l-persuni qiegħda (30%). Ir-riżultati tal-mudell statistiku wera li dawn id-differenzi huma statistikament importanti.

*Tabella 3:* Parteċipazzjoni u interess fil-politiki

| *Kieku kellha ssir elezzjoni nazzjonali għada, inti tivvota? (% ta' nies li wieġbu iva)* | | | |
|---|---|---|---|
| | | B'impjieg | 74.8 |
| EET | 75.3 | Studenti | 76.5 |
| | | Żgħażagħ li jindukraw | 68.9 |
| NEET | 64.8 | Qiegħda | 62.3 |
| | | Oħrajn | 65.7 |
| *Kemm int interessat/a fil-politika? (% interessati)** | | | |
| | | B'impjieg | 40 |
| EET | 40.2 | Studenti | 41.2 |
| | | Żgħażagħ li jindukraw | 22.3 |
| NEET | 28.7 | Qiegħda | 30.8 |
| | | Oħrajn | 34.4 |

** is-somma ta' 'ferm' jew 'kemxejn' interessati*

| *Jappartjenu għal u/jew jaħdmu b'mod volontarju għal partit politiku (% iva)* | | | |
|---|---|---|---|
| | | B'impjieg | 3.9 |
| EET | 3.6 | Studenti | 2.9 |
| | | Żgħażagħ li jindukraw | 1.6 |
| NEET | 1.6 | Qiegħda | 1.3 |
| | | Oħrajn | 2.3 |

Sors: EVS tal-2008 – Kalkolu tal-Eurofound

B'mod ġenerali, il-livell ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'partiti politiċi hija pjuttost baxxa. Madanakollu, is-sehem ta' NEETs li jieħdu sehem f'partit politiku hija ferm aktar baxxa meta mqabbla mal-EETs (1.6% u 3.9% rispettivament). Fil-livell tas-subgruppi, iż-żgħażagħ b'impjieg għandhom sehem akbar ta' parteċipanti (3.6%), filwaqt li l-qiegħda huma dawk bl-inqas perċentwal (1.3%). Meta jiġu kkontrollati l-varjabbli soċjodemografiċi u dawk relatati mal-familja, il-livell differenti ta' parteċipazzjoni huwa statistikament importanti. Iż-żgħażagħ qiegħda għandhom probabilità ta' 70% inqas minn dawk b'imjpieg li jieħdu sehem f'partiti politiċi.

**Parteċipazzjoni soċjali**

Il-parteċipazzjoni f'tipi differenti ta' assoċjazzjonijiet hija meqjusa bħala għodda għall-ġbir ta' kapital soċjali u għaldaqstant, ittejjeb il-koeżjoni soċjali. Is-saħħa tal-parteċipazzjoni fl-assoċċjazzjonijiet tista' tidher bħala taħriġ għad-demokrazija, u sinjal ta' kapaċità ta' awto-organizzazzjoni ta' komunità jew soċjetà partikolari.

Studji preċedenti wrew li l-qgħad inaqqas il-livell ta' impenn soċjali. Dan it-tnaqqis jidher bħala problematiku hekk kif jista' jżid il-probabilità li n-NEETs jirtiraw mis-soċjetà u jiġu esklużi mis-soċjetà.

L-EVS tal-2008 kejjel il-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet formali billi staqsa lill-individwi jekk jipparteċipawx f'wieħed jew aktar minn diversi tipi ta' organizzazzjonijiet: 26% fost in-NEETs iddikkjaraw li pparteċipaw f'minimu ta' organizzazzjoni waħda. Dan is-sehem huwa ferm aktar baxx mill-figura tal-EETs (46%). Id-differenza hija statistikament importanti meta jiġu kkontrollati l-varjabbli soċjodemografiċi.

Ir-riċerka tindika li mhux it-tipi kollha ta' parteċipazzjoni jwasslu għall-istess riżultati f'termini ta' kapital soċjali u koeżjoni soċjali. L-assjoma klassika tiddistingwi bejn kapital soċjali li 'jqarreb' (jew inklużiv) u li 'jgħaqqad' (jew eskluživ): l-ewwel wieħed jidentifika l-assoċjazzjonijiet li jħarsu 'l barra u jkopri persuni minn oqsma soċjali differenti, filwaqt li t-tieni wieħed huwa kkaratterizzat minn

assoċjazzjonijiet insulari u għandu t-tendenza li jsaħħaħ identitajiet u gruppi omoġeni esklużivi.

Billi ntużaw it-12-il element mill-EVS tal-2008, it-tip ta' parteċipazzjoni nqasam f'żewġ kategoriji:

- organizzazzjonijiet ta' benefiċċji soċjali, azzjoni tal-komunità lokali, żvilupp tal-pajjiżi tat-tielet dinja, drittijiet tal-bniedem, l-ambjent, movimenti ta' paċi, organizzazzjonijiet tas-saħħa volontarji li jqarrbu;
- organizzazzjonijiet reliġjużi, trejdjunjins, assoċjazzjonijiet ta' professjonisti, partiti politiċi li jgħaqdu.

Il-konsistenza tal-grupp teoriku ġiet validata permezz tat-tekniki statistiċi li jikkonfermaw l-ipoteżi ta' eżistenza taż-żewġ gruppi ewlenin.

Is-sehem tal-parteċipazzjoni tan-NEETs fl-organizzazzjonijiet li jqarrbu hija ftit inqas minn dik irreġistrata għall-EETs (9.2% kontra 11.6%) (Tabella 4). Madanakollu, dawn id-differenzi mhumiex statistikament importanti: fil-fatt, il-grupp bl-ogħla sehem ta' parteċipanti hija l-klassi reżidwa ta' NEETs (dawk li ma speċifikaw l-ebda raġuni għalfejn huma NEET u li għandhom probabilità akbar ta' kontroll sħiħ fuq is-sitwazzjoni tagħhom), b'16.5%. Barra minn hekk, ma hija osservata l-ebda differenza statistikament importanti meta jiġu kkontrollati l-varjabbli soċjodemografiċi: in-NEETs għandhom l-istess probabilità ta' parteċipazzjoni fil-forma ta' assoċjazzjonijiet li jqarrbu bħall-EETs.

Mhuwiex sorprendenti l-fatt li hija identifikata tendenza differenti għall-parteċipazzjoni fil-forma ta' organizzazzjonijiet li jgħaqdu. Is-sehem ta' NEETs li jieħdu sehem f'din il-forma ta' organizzazzjoni hija ferm inqas meta mqabbla mal-EETs (9.6% kontra 19%). Din id-differenza hija statistikament importanti. Barra minn hekk, l-analiżi fil-livell tas-subgruppi turi li ż-żgħażagħ li jindukraw (6%) u qiegħda (9%) għandhom sehem aktar baxx ta' parteċipanti. Dawn id-differenzi huma statistikament importanti meta jiġu kkontrollati l-varjabbli soċjodemografiċi: iż-żgħażagħ li jindukraw u l-persuni qiegħda għandhom probabilità ta' bejn wieħed u ieħor 60% inqas li jieħdu sehem f'organizzazzjonijiet li jgħaqdu meta mqabbla mal-oħrajn.

*Tabella 4: Parteċipazzjoni soċjali*

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Jappartjenu għal u/jew jagħmlu xogħol volontarju għal xi organizzazzjoni (% iva)* | | | |
| | | B'impjieg | 44.4 |
| EET | 46 | Studenti | 49.3 |
| | | Żgħażagħ li jindukraw | 18.5 |
| NEET | 26.6 | Qiegħda | 25.1 |
| | | Oħrajn | 49.7 |
| *Jappartjenu għal u/jew jagħmlu xogħol volontarju għal forom ta' organizzazzjonijiet li jqarrbu (% iva)* | | | |
| | | B'impjieg | 12 |
| EET | 11.6 | Studenti | 10.6 |
| | | Żgħażagħ li jindukraw | 8 |
| NEET | 9.2 | Qiegħda | 7.9 |
| | | Oħrajn | 16.5 |
| *Jappartjenu għal u/jew ħidma volontarju għal forom ta' organizzazzjoni li jgħaqdu (% iva)* | | | |
| | | B'impjieg | 20.6 |
| EET | 19 | Studenti | 15.7 |
| | | Żgħażagħ li jindukraw | 6.4 |
| NEET | 9.6 | Qiegħda | 9.2 |
| | | Oħrajn | 17.3 |

Sors: EVS tal-2008 – Kalkolu tal-Eurofound

Ir-riżultati tal-analiżi juru li l-grupp ta' NEET, u b'mod partikolari s-subgrupp ta' dawk qiegħda, għandu l-karatterisika li għandhom inqas fiduċja fl-istituzzjonijiet u livell aktar baxx ta' parteċipazzjoni politika u soċjali. Fuq din il-bażi, l-evidenza empirika tikkonferma li bħala gruppi, in-NEETs u b'mod speċjali ż-żgħażagħ qiegħda, huma f'riskju ogħla ta' sfiduċja u għandhom probabilità akbar li jirtiraw mis-soċjetà. Fuq din il-bażi, it-tħassib ta' dawk li jfasslu l-politiki dwar l-implikazzjonijiet tal-qagħda ta' NEET fuq l-impenn demokratiku huwa kompletament ġustifikat, bħalma hija l-ħtieġa li l-miżuri politiċi jerġgħu jinvolvu lin-NEETs fis-suq tax-xogħol jew fl-edukazzjoni.

## Inizjattivi politiċi nazzjonali għall-integrazzjoni taż-żgħażagħ

Bħala konsegwenzi tal-iżviluppi dejjem aktar negattivi fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ, fis-snin riċenti, l-Istati Membri tal-UE kienu ferm attivi fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri politiċi bil-għan li jkabbru l-impjegabbiltà tagħhom u sabiex jippromwovu parteċipazzjoni akbar taż-żgħażagħ fl-impjiegi. Dawn l-inizjattivi politiċi jistgħu jitqiegħdu fi gruppi ġewwa tliet kategoriji ewlenin: miżuri relatati mal-edukazzjoni; miżuri relatati mal-impjiegi; u miżuri li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol. F'din it-taqsima, hemm ħarsa ġenerali qasira lejn dawn l-inizjattivi, li jirrappreżentaw l-ewwel sejbiet tar-riċerka ġenerali dwar in-NEETs.

### Politiki dwar l-edukazzjoni

L-edukazzjoni minn dejjem kienet element importanti għall-politiki dwar l-impjiegi taż-żgħażagħ peress li huwa kkonfermat li livelli ogħla ta' edukazzjoni fost il-popolazzjoni jikkontribwixxu għall-prestazzjoni ta' tkabbir fit-tul tal-pajjiżi. Il-politiki dwar l-edukazzjoni jinkludu kemm miżuri li jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola kif ukoll miżuri sabiex jiġu integrati mill-ġdid fl-edukazzjoni jew it-taħriġ dawk il-persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien.

Peress li t-tnaqqis tas-sehem ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien għal taħt l-10% hija waħda mill-miri ewlenin fi ħdan l-Unjoni Ewropea, hemm qbil ġenerali dwar il-fatt li ż-żieda tal-età ta' skola obbligatorja tista' tgħin tipprevjeni t-tluq bikri mill-iskola. Kważi kull pajjiż tal-UE implimenta miżuri f'dan il-qasam. Barra minn hekk, diversi pajjiżi introduċew finanzjament ulterjuri għal klassijiet ta' appoġġ tat-tagħlim sabiex jgħinu lill-istudenti jtejbu l-prestazzjoni tagħhom fl-iskola. Fil-Lussemburgu, is-sistema ta' classes mosaique tagħti lill-iskejjel l-opportunità sabiex b'mod temporanju, l-istudenti f'riskju li jitilqu mill-iskola jinħarġu mill-klassi regolari tagħhom u jitqiegħdu fi 'klassi mosaic' għal 6 sa 12-il ġimgħa, fejn l-istudenti jirċievu għajnuna individwali. F'xi pajjiżi bħall-Bulgarija u r-Rumanija, fejn it-tluq bikri mill-iskola huwa assoċjat mal-faqar tal-familji, l-istat jipprovdi programmi ta' assistenza għall-iskejjel (il-forniment ta' ikel, kotba u trasport b'xejn, eċċ.). Barra minn hekk, sabiex jimmotivaw liż-żgħażagħ biex jibqgħu l-iskola, diversi Stati Membri żiedu n-numru ta' postijiet ta' taħriġ vokazzjonali offruti u ħolqu programmi ta' taħriġ vokazzjonali ġodda.

Fil-każ ta' studenti li joħorġu mill-iskola, diversi pajjiżi stabbilixxew inizjattivi sabiex jagħtuhom l-opportunità li

jerġgħu jidħlu fis-sistema edukattiva, spiss dan isir flimkien ma' taħriġ prattiku. Pereżempju, fi Franza, l-iskejjel tat-'tieni possibilità' joffru taħriġ fil-ħiliet bażiċi għal perjodu ta' 9 sa 12-il xahar lil żgħażagħ ta' età ta' bejn it-18 u l-25 sena.

'Programmi ta' kwalifika vokazzjonali inizjali' fi Spanja joffru lill-persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien l-opportunità li jidħlu f'korsijiet ta' taħriġ sabiex jiksbu dipoloma ta' ħiliet professjonali jew kwalifika ta' edukazzjoni sekondarja obbligatorja, filwaqt li jippermettulhom sabiex jidħlu f'kors ta' taħriġ ta' edukazzjoni vokazzjonali regolari aktar tard.

### Tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol

Ladarba l-istudenti jkunu kisbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa, hemm inizjattivi politiċi disponibbli li jistgħu jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol. F'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, approċċ kombinat u koordinat - inkluż il-forniment ta' tagħrif, pariri u gwida dwar il-karrieri, għajnuna, servizzi ta' għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u ta' sejbien ta' impjieg – jidher li huwa l-aktar sett ta' miżuri utli sabiex jiġu faċilitati t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol. Pereżempju, fir-Renju Unit, il-*Flexible New Deal Programme* joffri liż-żgħażagħ li jirċievu benefiċċji soċjali approċċ personalizzat li jinvolvi parir u konsulenza personali, żvilupp ta' pjan ta' azzjoni u esperjenza ta' xogħol. Il-miżuri li jipprovdu esperjenza ta' xogħol bħal internships, apprendistati u apprentistati jirnexxu ħafna fit-trawwim tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ. L-apprendistati u l-internships huma offruti spiss mill-Istati Membri kollha, u f'xi pajjiżi jistgħu jinvolvu s-settur privat, pereżempju l-*Young Potentials Programme* fl-Isvezja, jew jistgħu jiġu organizzati mill-imsieħba soċjali, kif inhu l-każ tal-programm Gradlink fl-Irlanda.

L-iskemi ta' apprentissat urew li huma miżura ta' suċċess kbir għall-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni fix-xogħol għaż-żgħażagħ, u matul il-kriżi, dawk l-imsejħa 'pajjiżi tal-apprentissat' (l-Awstrija u l-Ġermanja) irnexxilhom iżommu livel baxx ta' qgħad fost iż-żgħażagħ. Tabilħaqq, riċentement kull Stat Membru Ewropew implimenta jew saħħaħ il-programmi ta' apprentissat tiegħu.

Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ kollha jkunu involuti f'xogħol, edukazzjoni jew taħriġ, xi pajjiżi introduċew garanziji għaż-żgħażagħ. Pereżempju, fil-Finlandja, kull persuna qiegħda taħt il-25 sena, fi żmien tliet xhur minn meta tirreġistra mas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (PES - *Public Employment Service*), jiġi offrut lilha impjieg, opportunità ta' edukazzjoni jew xi tip ta' miżura ta' attivazzjoni oħra permezz ta' pjan ta' żvilupp personalizzat.

### Politiki tal-impjiegi

Diversi pajjiżi introduċew varjetà ta' inċentivi (ħelsien mis-sistema tat-taxxa, sussidji, tnaqqis tal-ispejjeż tax-xogħol mhux relatati mal-impjiegi, eċċ.) sabiex il-kumpaniji jiġu mħeġġa jimpjegaw u jħarrġu żgħażagħ u sabiex joħolqu impjiegi addizzjonali għalihom. Fl-Ungerija, il-persuni li jidħlu fis-suq tax-xogħol jieħdu 'karta tal-bidu' li hija valida għal sentejn. L-impjegaturi li jdaħħlu persuni bil-karta tal-bidu jħallsu kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mnaqqsa. Uħud mill-pajjiżi introduċew miżuri speċifiċi sabiex jinċentivaw ir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilitajiet jew li ġejjin minn sitwazzjonijiet żvantaġġati. Xi pajjiżi introduċew miżuri speċifiċi sabiex jippromwovu l-intraprenditorija u l-impjieg indipendenti fost iż-żgħażagħ permezz tal-forniment ta' servizzi speċjali għaż-żgħażagħ li għandhom ir-rieda li jiftħu n-negozju tagħhom. Finalment, sabiex jitneħħa x-xkiel loġistiku u prattiku għall-impjiegi għaż-żgħażagħ, kważi kull pajjiż introduċa għotjiet għall-mobilità ġeografika u miżuri speċjali oħra ffokati fuq żgħażagħ bi ħtiġijiet speċjali jew li ġejjin minn sitwazzjonijiet żvantaġġati jew ta' immigrazzjoni.

### Konklużjoni

Sabiex iż-żgħażagħ jerġgħu jsiru attivi fis-suq tax-xogħol jew fl-edukazzjoni, kull Stat Membru tal-UE introduċa varjetà wiesgħa ta' miżuri politiċi. Uħud minn dawn il-miżuri ilhom implimentati bosta snin, filwaqt li oħrajn ġew riċentement introdotti sabiex jindirizzaw l-isfidi miġjuba mill-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi tagħha fuq iż-żgħażagħ.

L-ewwel riżultati tal-istudju juru li l-pajjiżi introduċew varjetà ta' approċċi kombinati bil-għan li jtejbu l-forniment tal-kompetenzi u l-ħiliet ġusti meħtieġa fis-suq tax-xogħol, li joħolqu opportunitajiet ġodda u aħjar għaż-żgħażagħ. Ħafna mill-Istati Membri jidhru li ddiversifikaw l-inizjattivi tagħhom fost karatteristiċi differenti tas-subgruppi tan-NEETs, filwaqt li taw attenzjoni anki għall-gruppi vulnerabbli li għandhom probabilità akbar li jiltaqgħu ma' żvantaġġi u li jistgħu jiġu esklużi mis-suq tax-xogħol.

Minkejja l-adattament jew l-implimentazzjoni riċenti tal-miżuri, is-sejbiet juru li għadha mhix disponibbli evalwazzjoni ta' dawn il-programmi. Iżda xorta waħda, il-valutazzjoni tal-effettività ta' inizjattivi bħal dawn hija kruċjali, b'mod partikolari fi żminijiet ta' awsterità fejn huwa essenzjali użu aktar effiċjenti tar-riżorsi.

F'dan il-kuntest, evalwazzjoni tal-effettività ta' sett magħżul ta' miżuri politiċi għall-promozzjoni tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ fi tmien pajjiżi Ewropej se tkun parti mir-rapporti ta' riċerka sħaħ tal-Eurofound dwar iż-żgħażagħ u n-NEETs. Din tippjana li tippubblikahom fl-2012.


**Aktar tagħrif**

Massimiliano Mascherini, Maniġer tar-Riċerka
mam@eurofound.europa.eu

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol
Wyattville Road, Loughlinstown, Dublin 18, l-Irlanda
Telefon: (+35 1) 204 32 00
Posta elettronika: information@eurofound.europa eu
Websajt: http://www.eurofound.europa.eu/



Publications Office

TJ-32-11-956-MT-C

EF/11/72/MT